**MALTA**
**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGĦAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. Anna Mallia**

Seduta 23 ta' Gunju, 2016

**Talba Numru: 158 /2015 AM3**

**Lista Nru: 28**

**Domenic Demanuele (K.I. 521931(M))**

**296, Triq San Giljan,**

**Birkirkara**

**Vs**

**Francis Saliba (K.I.174352(M) )**

**ezercenti fil-kummerc Clarifon Hearing Centre**

**Triq Balagauer,**

**Hal Balzan**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur li permezz taghha l-attur qed jitlob prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja lil dan it-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' hames mija u tmenin ewro (€580) rapprezentanti rifuzjoni ta' prezz

imhallas ghal 'hearing aid' li ma tahdimx. Bl-imghax legali u l-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali prezentata fis-17 ta' Marzu, 2014 (numru 480/14) kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat (a fol 6) li permezz taghha huwa cahad l-allegazzjoni tal-attur bhala infondati fil-fatti u fid-dritt bl-ispejjez kontra tieghu. Jirrizerva d-dritt li jzomm responsabbli l-attur ghad-danni u spejjez li jista jsofri l-konvenut. Li kull 'hearing aid' li kienet iffitjata lill-attur kienet 'brand new' ta' ditta serja u maghrufa BERNAFON mill- iSvizzera; kull apparat li nghata lill-attur kellu 'warranty' ta' sentejn kontra xi difett li johrog mil-fabbrika; li l-attur inghata taghrif mehtieg kif jiehu hsieb l-apparat; kull darba li l-attur gie ghac-'check ups' tal-'hearing aid' kien jidher li l-problema kienet semplici ta' imblukkar bi hmieg jew ilma fit-tubu tal-plastik (parti separata mill-apparat eletroniku ). Dan kien rizultata ta' nuqqas ta' attenzjoni u tindif; biex jikkuntenta lill-attur l-appart inbidel b'wiehed gdid iktar minn darba; mid-data rilevata mill-computer fejn hemm ir-'records' tal-klijenti jidher bic-car li l-apparat (bit- tip ta' model u bis-serial numbers) kien qed jiffunzjona perfett. Dawn id-dokumenti qeghdin mehmuza ma' din l-ittra; il-'hearing aids' jigu programmati professjonalment kull darba li l-klijent jinhtieglu xi aggustament fis-'settings' minghajr hlas; qatt ma nstab li l-'hearing aid' li nghatat lill-attur kellha xi hsara.

Ra d-dokumenti esebiti mi-konvenut minn fol 7 sa 13 tar-risposta tieghu.

Ra l-affidavit tal-attur a fol 24 li permezz tieghu xehed li huwa mar ghand l-konvenut li ghandu Clarifon Hearing Centre li jinsab Triq Balagauer, Hal Balzan sabiex jaghmel 'hearing aid' u li huwa bieghlu ghal prezz ta' hames mija u tmenin

ewro (€580). Gara li ma setghax jidra din l-'hearing aid' u dejqitu ghax ma kienx jisma sew minnha tant li kien jitkellem ma' bniedem u ma kien jifhem xejn. Wara mar fil-hanut tal-konvenut u lmenta mieghu li ma kienx jisma sew bil-'hearing aid' li bieghlu. Dan ghamlu ghal tlett darbiet minn tal-anqas u kull darba l-konvenut izomm il-'hearing aid' u jmur ghaliha tmint ijiem wara. Fir-raba' darba f'Settembru, 2012 rega mar ghand il-konvenut u din id-darba l-konvenut tah 'hearing aid' ohra u hu stess meta ghamilielu lill-attur waqt li qed ikellmu ma setghax jifhmu izda l-attur qallu li hu mhux mohhu fiha ghandu jkun. Ma kien jisma xejn u l-konvenut qallu sakemm tidraha. Il-konvenut kien ammetta mieghu li l-problema huma l-batteriji. Mar id-dar u pprova l-'hearing aid' il-gdida li kien tah l-konvenut u fil-kaxxa sab ircevuta ta' haddiehor li turi li l-'hearing aid' li kien tah il-konvenut kienet 'hearing aid' li kien irritorna lura haddiehor. L-ghada mar lura l-hanut tal-konvenut u meta gharfu li l-'hearing aid' mhux tajba ghax kienet ta ' haddiehor l-konvenut rrifjuta li jibdilielu anke wara li qallu li l-hearing aid ma tahdimx. Il-'hearing aid' baqghet ma tahdimx u ghadu ma jistghax jisma sew u ma jaffordjax jixtri ohra. Lill-konvenut baghatlu diversi ittri u kellu jiftah din l-kawza.

Ra l-affidavit ta' Jane Demanuele a fol 25 mart l-attur li rrepetiet tista tghid dak li xehed zewgha fl-affidavit tieghu.

Ra dok DD3 l-irceuta li sab fil-kaxxa l-attur u li harget fuq certu John Cilia minn H'Attard liema dokument l-attur annetta mal-affidvit tieghu.

Ra li l-konvenut ma ressaq ebda provi u li fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2016 l-konvenut iddikjara li ma ghandux aktar provi.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur xtara 'hearing aid' minghand l-konvenut liema 'hearing aid' dejjem kellu xi problem u wara diversi drabi li l-attur hadu biex

jittranga l-konvenut tah 'hearing aid' iehor li l-attur kien minghalih gdid izda meta mar id-dar fil-kaxxa tal-'hearing aid' sab li kien hemm ircevuta li turi li dan l-'hearing aid' kien inbiegh lil terzi certu John Cilia minn H'Attard u ghalhekk ma kien gdid xejn. Il-konvenut risposta ta' dan qatt ma ta f'dawn l-atti u l-uniku prova li gab hija r-risposta tieghu li fiha baqa' jinsisti li l-'hearing aid' li biegh lill-attur kien tajjeb u li l-konvenut ma kienx qed jisma minhabba nuqqas ta' manutenzjoni u tindif; liema prova ta' dan l-konvenut baqa' ma ressaqx.

Fil-kawza **Buttigieg vs Hurst (Vol XXXII part 1 pagna 163)** il-Qorti qalet qalet, "*Jekk l-oggett ma jkux konformi ghal ftehim m'hemmx vizzju redibitorju imam jkun il-kaz ta' inadempjenza tal-kuntratt li m'ghandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji. Il-kompratur ghandu dritt li jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f'att tieghu stess.*" Mill-atti ma jirrizultax li l-konvenut tilef dan id-dritt f'xi att tieghu stess stante li l-'hearing aid' huwa ma ppruvax la jifthu u lanqas jipprova jsewwih ghand haddiehor.

L-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili jtenni li: "(a) Jekk il-bejjiegh kien jaf bid-difetti tal-haga mibjugha hu obbligat mhux biss li jrodd il-prezz li jkun ircieva izda wkoll li jhallas id-danni lix-xerrej." Mill-atti jirrizulta li t-tieni 'hearing aid' li ghadda l-konvenut lill-attur kien diga inbiegh lil haddiehor u ghalhekk ma kienx gdid u kien ukoll difettuz.

Jinghad ukoll li l-Artikolu 1132 tal-Kap 16 jispecifika wkoll li kull parti f'kuntratt ghandha twettaq l-obbligi taghha b'diligenza ta' paterfamilias u li l-Artikolu 73 tal-Att dwar l-affarijiet tal-Konsumaturi jispecifika li kull kummercjant huwa obbligat li jissuplixxi prodotti konformi mad-deskrizzjoni taghhom u mal-ispecikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgh "u skont hekk ikollhom l-obbligu li jizguraw l-oggetti."

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur u jiddikjara li l-konvenut biegh il-'hearing aid' li biegh lill-attur ma kienx gdid u mhux

tal-kwalita' patwita u ghalhekk jordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma ta' hames mija u tmenin ewro (€580).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali li giet prezentata f'Marzu, 2014, kontra l-konvenut inkluzi dawk tal-istess ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2014 (numru 480/14).

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**